**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Cranston Portelli**

**Kumpilazzjoni 520/2021**

**Illum, 23 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Cranston Portelli** ta' 30 sena, bin George u Miriam (Miriam Joan) nee' Gerada, mwieled l-Pieta' nhar is-26 ta' Frar 1991, residenti 132, Triq il-Gdida, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 145291M;

**Akkuzat** talli nhar it-22 ta' Awwissu 2021 ghall-habta ta' bejn is-07:00 ta' filghaxija u t-08:00 ta' filghaxija, gewwa Birkirkara minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta' u jniggeż, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna

ta’ James Manfre’ liema ferita ġabet mankament jew sfreġju f’wahda mill-idejn ta’ James Manfre’ skond kif gie ċċertifikat minn Dott. Daniel Destra MD Reg No 4652 tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin u ċirkostanzi f’dawn il-gzejjet, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe’ strument li jaqta’ u bil-ponta, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, hin u ċirkostanzi f’dawn il-gzejjer, zamm u’ jew garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin u ċirkostanzi f’dawn il-gzejjer, ghamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’ ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li hareg barra mil-limiti ta’ provokazzjoni;

U finalment talli fl-istess data, hin u ċirkostanzi f’dawn il-gzejjer, kiser il-paci u l-ordni pubblika b’ghajjat, storbju u ġlied;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba ukoll li sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmi James Manfre’ jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija, familjari tieghu minn fastidju jew imġieba ohra li tikkaġuna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’

protezzjoni favur James Manfre' u l-familjari tieghu, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2021.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat in-nota tal-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar elfejn u erbgha u ghoxrin (2024).[4]

Rat li l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024[5].

Rat l-atti kollha tal-kaz.
Semghet x-xhieda.
Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.
Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet[6].
Rat illi l- kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

[1] Folio 1 u 2 tal-process

[2] Folio 8 tal-process.

[3] Folio 3 sa 5 tal-process.

[4] Folio 275 tal-process.

[5] Folio 276 tal-process.

[6] Folio 280 tal-process.

F'dan il-kaz qed jigi allegat li l-imputat aggredixxa lill-vittma James Manfre' nhar it-22 ta' Awwissu 2021 gewwa B'Kara. Il-vittma qala' diversi daqqiet ta' arma regolari u sofra griehi gravi. Qed jigi allegat ukoll illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma regolari minghajr ma kellu licenzja ghall-istess, kif ukoll li ingurja u hedded lill-istess vittma u kiser il-bon ordni.

**Ikkunsidrat:**
**Provi**

Xehed l-**iSpettur Andrew Agius** nhar il-15 ta' Settembru 2021 fejn stqarr li l-pulizija distrettwali ta' Birkirkara gew infurmati li kien hemm persuna feruta b'diversi daqqiet ta' sikkina quddiem il-kazin tal-banda Santa Liena Duke of Connaught, Triq il-Wied, B'Kara u dan fit-22 ta' Settembru 2021 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija (7.45pm). Meta marru fuq il-post il-pulizija sabu lil James Manfre' mixhut mal-art mdawwar bi tlett nisa.[7] Il-pulizija li kienu qed jaghtu l-ewwel ghajnuna xammew riha ta' xorb fuq il-vittma u dan tal-ahhar kien ukoll aggresiv maghhom. Mistoqsi mill-pulizija min kien l-aggressur, Manfre' ma riedx jghidilhom u l-vittma ittiehed bl-ambulanza.[8] Persuna anonima infurmathom li l-argument bejn l-vittma u l-aggresur beda gewwa l-kazin imsemmi. L-pulizija kellmet lil barman certu Joseph Camilleri fejn mic-CCTV setghu jaraw lis-suspettat u lill-vittma jitkellmu. Il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Victor Axiaq gie infurmat bl-akkadut u hatar xi esperti biex jghinuh fl-istharrig. Dr.Daniel Desira iccertifika lill-vittma li kellu griehi gravi. Membri tac-CID gharfu lis-suspettat bhala Cranston Portelli li huwa l-imputat.[9] L-

[7] Folio 22 tal-process.

[8] Folio 25 certifikat mediku.

[9] Folio 23 tal-process.

imputat gie arrestat u meta interrogat ghazel li ma jwiegibx d-domandi li sarulu[10].

Kontro-ezaminat jghid u jaqbel li l-vittma kien agitat u aggressiv mal-pulizija li waslu biex jassistuh.

Xehed **PS1301 Christian Bonello** nhar il-15 ta' Settembru 2021 fejn ikkonferma li dahal ir-rapport ta' persuna li kien ghadu kemm qala' daqqa ta' sikkina u irrikorra fuq il-post flimkien ma' ufficjali ohra.[11] Sab lill-vittma mixhuta mal-art u minn sidru l-isfel kien mimli demm. Madwaru kien hemm tlett nisa, Borg Christiana, Rizzo Redienne u Elnaib Mofida. Il-vittma gie identifikata bhala James Manfre'. Jghid li persuna anonima kellmitu u qaltlu li l-argument beda minn gol-kazin.[12] Flimkien mal-barman Joseph Camilleri raw il-filmat u waslu ghan-nisa u ghall-imputat. Jghid li ra lill-vittma u lill-imputat jargumentaw. Jghid li l-aggressur kellu xi haga f'idejh u beda jaghti lill-vittma. Jaf li gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Axiaq li hatar xi esperti biex jassistuh. Hu ipprezenta l-okkorrenza.

Kontro-ezaminat jghid li l-vittma ma ikkoperax maghhom pero' lilu ma qallu xejn. Jghid li l-vittma ma kienx kalm, kien ecitat.[13] Jghid li hu ma ghamilx tfittxija fuq il-vittma. Ma jidhirlux li nstabet xi haga mill-pulizija fuq il-vittma. Jghid li ma kienx hemm nies fil-kazin meta dahal hu.

---

[10] Folio 26 stqarrija tal-imputat. Folio 29 stqarrija tal-vittma.

[11] Folio 33 tal-process.

[12] Folio 35 tal-process.

[13] Folio 38 tal-process.

Xehed **PC479 Frank Portelli** nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn ikkonferma li wasal fuq il-post, sab lill-vittma u li dan tal-ahhar kien aggressiv maghhom.[14] Il-vittma qallu li l-aggressur tieghu ma jafx min hu.

Kontro-ezaminat jghid li jahseb li l-vittma kien fi stat ta' xokk.

Xehed **PC167 Philip Camilleri** li ikkonferma l-verzjoni tal-kollegi tieghu li marru fuq il-post biex jinvestigaw l-akkadut. Jikkonferma li kienu huma li tawh l-ewwel ghajnuna u l-vittma kien mal-art u kellu d-demm hiereg.[15]

Kontro-ezaminat jghid li l-vittma kien naqra unconscious u ma rahx jiggieled mal-pulizija. U dak il-hin ma kienx f' pozizzjoni li naghmlulu tfittxija ghax l-prijorita' kienet li jippriservaw l-hajja.[16] Jghid li l-vittma kien qed jaghti bil-ponn imma ma jahsibx li biex jiggieled mal-pulizija, izda ghax kien taht xokk. Jghid li hu ipprova jikkalmah.

Xehed **PS90 Jeffrey Gerada** nhar is-27 ta' Ottubru 2021 u jghid li huwa gie infurmat bl-akkadut u mar fuq il-post. Il-vittma giet identifikata. Il-vittma qal li kien fil-kazin u persuna ohra bdiet tiggieled mieghu u taghtu daqqa ta' arma bil-ponta.[17] Qal li l-vittma kien jaf min hu l-aggressur tieghu pero' ma riedx jghidilhom. Jghid li meta marru lura id-Depot PC 1191 gharaf lill-aggressur minn screen shot fuq is-sistema interna.[18] Dan gharfu ghax qabel kellu kuntatt dirett mieghu fuq xi investigazzjoni ohra.

[14] Folio 56 tal-process.

[15] Folio 59 tal-process

[16] Folio 61 tal-process.

[17] Folio 64 tal-process.

[18] Folio 65 tal-process.

Xehed **PC1191 Jonathan Galea** nhar it-30 ta' Novembru 2021 u qal li fil-jum tal-akkadut kien xoghol ic-CID u mar jinvestiga ma' PS90 Gerada. Mis-CCTV seta' jikkonferma l-incident bejn l-aggressur u l-vittma. Jghid li meta l-imputat ittella' fuq is-sistema taghhom interna gharfu ghax kien arrestah ricentement fuq kaz iehor.[19]

Kontro-ezaminat jghid li kien arrestah fuq hruq volontarju.

Xehed **PS1037 Saviour Mifsud** nhar it-30 ta' Novembru 2021 fejn ikkonferma l-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija tal-ghassa ta' B'Kara. Jghid ukoll kif ikkordina mal-ufficjali tac-CID u kif PC1191 kien gharaf lill-aggressur.[20] Ix-xhud ipprezenta tmien (8) ritratti a folio 86 tal-process. Qal li hu u PC1191 bdew iqabblu t-tpingija tas-suspettat li ghandu fuq idu x-xellugija. Qabblu kollox mar-ritratti fuq facebook u qabel kollox. Jghid li fuq l-id ix-xellugija ghandu wicc Kristu.

Kontro-ezaminat jghid li huma u tal-RIU waslu flimkien. Jghid li l-aggressur ma kienx fuq il-post pero' l-vittma beda jipprova jmur ghalih. Fuq il-vittma saret tfittxija u sabu mobile u xi affarijiet ohra in konformi mal-ligi.[21]

Xehed **Joseph Camilleri** nhar it-30 ta' Novembru 2021 li hu l-barman tal-kazin li jghid li l-incident gara f'Awwissu pero' d-data jafhiex. Jghid li lill-akkuzat ma jafux u rah biss fil-kazin u l-iehor jafu ftit.[22] L-imputat beda jixrob u kien ok u dahal il-vittma u qallu li kellu xi jghid ma' wiehed minn tal-grupp. Hu qallu taqlax inkwiet u gibli rispett. Manfre' qallu li

[19] Folio 77 tal-process.

[20] Folio 82 tal-process.

[21] Folio 84 tal-process.

[22] Folio 88 tal-process.

mhux ser jaqla' inkwiet. Bdew jixorbu flimkien, inqala' argument, ikkalmaw u regghu bdew jixorbu flimkien. X'hin induna li ha taqghad qabad lill-imputat u tefghu 'l barra u lil Manfre' hallieh gewwa u ghalaq il-bieb. Beda jinbuttah u James hareg u hu ghalaq il-bieb. Jghid li dak li gara sehh barra. L-imputat ma jafux u ma beda jdejjaq lil hadd. Jghid li l-argument fil-kazin kien bil-kliem. Ma bediex jifhem x'kienu qed jghidu.

Kontro-ezaminat jghid li lil Manfre' jafu ftit. Jghid li kien James li mar in-naha ta' fejn kien l-akkuzat. Jikkonferma li lil Manfre' qallu biex igiblu rispett. Jghid li kien hemm 'security' imma kien telaq. Jghid li Manfre' hu maghruf li jaqla t-"trouble" u l-inkwiet.[23]

Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2024 il-vittma **James Manfre'** wara li gie debitament moghti d-drittijiet tieghu skond il-ligi ghazel li ma jixhidx.[24]

Xehed **Dr.Daniel Desira** nhar it-18 ta' Frar 2022 fejn spjega l-griehi fuq il-vittma u qal li dawn gew ikkawzati minn xi haga bil-ponta u li kienu gravi. Jghid li dak il-hin li dahal huwa gie iccertifikat li kien fil-perikolu tal-mewt.[25]

Xehed **PC2255 Antoine Cutajar** u qal li mar fuq ir-rapport flimkien ma' PS1301 u PS1037. Jghid li l-vittma ittiehdet l-isptar bl-ambulanza.[26] Jghid li l-vittma kienet qed izzomm il-griehi u li hu mar jidderigi t-traffiku.

Xehed **Dr.Christopher Spiteri** in rapprezentanza ta' Transport Malta li ezebixxa dettalji dwar il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni III 130.[27]

---

[23] Folio 91 tal-process.

[24] Folio 104 tal-process.

[25] Folio 106 tal-process. Certifikat a Folio 109 et seq. tal-process.

[26] Folio 116 tal-process.

Xehed **PC905 Daniel Sultana** nhar id-29 ta' April 2022 u qal li hu mar fuq il-post u gie ordnat jippreserva x-xena tad-delitt.[28]

Xehed **PC1466 Charlie Curmi** u qal li waqt l-incident hu kien ordnat biex jaghlaq it-triq ghax kien hemm "stabbing".[29]

Xehed **PC601 Giovanni Antonio Insaudo** nhar it-8 ta' Gunuju 2022 u qal li kien fejn missier il-vittma l-isptar u qallu li xi hadd kien cempillu u li l-aggressur kien xi hadd Clint maghruf bhala l-bomb.[30]

Xehed **Keith Cutajar** nhar l-10 ta' Ottubru 2022 li ipprezenta r-rapport tieghu dwal l-analizi tac-CCTV u l-informazzjoni li hareg mic-cellulari tal-imputat.[31]

Xehed **PC838 Gabriel Tabone** nhar it-18 ta' Novembru 2022 u jghid li hu kien ghassa l-isptar mal-vittma.[32]

Xehed **Iamin Guarracino** nhar il-15 ta' Frar 2024 li ipprezenta l-process verbal relattiv.[33]

---

[27] Folio 120 tal-process.

[28] Folio 141 tal-process.

[29] Folio 143 tal-process.

[30] Folio 148 tal-process.

[31] Folio 166 tal-process. Rapport a Folio 168 tal-process. Ewro 842.13c Folio 202.

[32] Folio 214 tal-process.

[33] Folio 272 tal-process. Ara b' mod specjali ix-xhieda ta' Joseph Camilleri a folio 15 u 20, Christiana Borg a folio 16, Mofida Elnaib a folio 17, Redienne Rizzo a folio 18, Raisa Fenech a folio 19 tal-process verbal. Espert Dr. Katya Vassallo Ewro 525.69c (Folio 14 wara tal-pv) u Sur Ciliberti Ewro 820.22c (Folio 45 wara tal-pv), Bio DNA Ewro 4,623.24c folio 68 tal-process verbal, ufficcjali tax-xena tad-delitt folio 88 tal-process verbal Ewro 397.48c, Dr. Mario Scerri a folio 155 – Ewro 368.40c

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli tal-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fir-rinviju tal-Avukat Generali huma s-segwenti:

**Dawk taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, **il-Kodici Kriminali**:

"Sub-titolu II
FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA

214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.

217.L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sagħaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv:

218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin
(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;
(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk." u

**Dawk taht il-Kapitolu 480, l-Att dwar l-Armi**:

"6. Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr majkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju."[34]

**Ikunsidrat:**

Id-difiza targument principarjament zewg affarijiet biex titlob li l-imputat jinheles mill-akkuzi odjerni:

1. Li kien hemm rinunzja tal-vittma;
2. Li ma kien hemm hadd li ra l-incident u allura dan necessarjament ifisser li l-imputat ghandu jigi liberat.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali ma jirrizulta imkien li kien hemm xi tip ta' rinunzja mill-vittma. Li jirrizulta pero' li l-vittma ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu kif kellu kull dritt li jaghmel. Din pero' ma tfissirx li kien hemm xi rinunzja.

In oltre anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss kellu jirrizulta li kien hemm xi rinunzja mill-vittma dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu jigi liberat mill-akkuzi ghax l-akkuzi odjerni huma prosegwibbli *ex officio* mill-pulizija ezekuttiva.

[34] Licenzjar ghal garr ta' skieken. Sottolinejar ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament fil-kawza **Il-Pulizija vs Daniel Sammut** li giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 2024 per Onorevoli Imhallef Dr. Neville Camilleri fejn dik il-Qorti abbraccjat is-segwenti principji:

**'Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kellhiex ħtieġa tal-kwerela tal-parti leża u għalhekk il-Pulizija setgħet tipproċedi ex officio. Minkejja li l-parti leża baqgħet qatt ma xehdet f'dawn il-proċeduri, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tikkonkludi li bl-evidenza l-oħra li tirriżulta mill-atti proċesswali u li hija għad-dispożizzjoni tagħha sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal- imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud'.**[35]

Kif ben tajjeb issottometta id-difensur tal-imputat, hadd ma xehed f'dawn il-proceduri li ra l-aggressjoni pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti ghandha tillibera jekk mill-ezami akkurat tal-provi indizzjarji u cirkostanzjali wiehed jista' jasal li kien l-imputat li hebb ghall-vittma u ikkawzalu l-griehi li gie ippruvat li kienu ta' natura gravi.

Fuq il-provi cirkostanzjali fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna nsibu s-segwenti decizjonijiet fost hafna ohrajn:

**Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone) vs John Vella** deciza fit-3 ta' Awwissu 2017 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri (App. Nru. 62/2016) fejn intqal is-segwenti:

[35] Pagna 8 u 9.

**"16.** L-uniċi provi prodotti li jistgħu jinċidu fuq l-imputazzjoni ta' serq tal-mutur huma unikament ċirkostanzjali kif anki jidher mis-sentenza appellata. Din il-qorti, iżda, hi tal-fehma li l-indizji ċirkostanzjali ma humiex tali li jwasslu sabiex l-imputat jinstab ħati tad-delitt in kwistjoni mingħajr dubbju dettat mir-raġuni. Biex il-provi ċirkostanzjali jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija jridu jkunu tant elokwenti li l-interpretazzjoni loġika u naturali tagħhom neċessarjament u raġjonevolment twassal għall-prova fi grad sodisfaċenti ta' dawk il-fatti li jifformaw l-elementi tar-reat imputat. Ċioe' jridu jkunu univoċi u mhux ekwivoċi. (Pagna 8)".

Fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) vs Yilmaz Azlan** (App. Nru. 438/2104) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Gunju 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera, dik il-Qorti abbraccjat is-segwenti principji:

"In the judgment in the names **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**[36] the court held that:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

In the case in the names **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[37] the Court reiterated that :
"*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[36] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998

[37] Qorti tal- Appell Kriminali, deciza fid-19 ta' Mejju, 1997 -

It is the duty of the prosecution to bring forward the best evidence to be able to convince the court of the charges it has brought forward in that they subsist and that on the evidence brought forward the court is in a position to establish guilt of the accused. As explained by -**Manzini** in his book entitled **Diritto Penale**[38]:-

"*il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa* - *onus probandi incumbit qui osservit".*

The Court also makes reference to another judgment in the names **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[39] where the court explained what happens in those eventualities when it is faced with two conflicting theories as to what had happened. Two situations may arise either that the Court is of the opinion that the prosecution failed to prove its case on a level that is required by criminal law, and thus has to acquit the same accused or is morally convinced that the correct version of events is that put forward by the prosecution then it must convict and give the opportune punishment.

The court is guided by article 637 of the Criminal code when appreciating the evidence given by a witness namely that regard must be given to the demeanor, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case. (Page 19 and 20)".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fil-kawza **Il-Pulizija vs Kevin Psaila** (App. Nru. 234/2017) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima fejn gie ikkwotat is-segwenti:

"Ukoll, skond is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova indizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova indizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubbju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.[40]**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u interpretazzjoni tal-prova indizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[41] (Pagna 9 u 10)

Fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri u Spettur Joseph Mercieca) vs Pierre Buttigieg** (App. Nru. 27/2008) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2008 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono intqal is-segwenti:

"Mill-banda l-ohra lanqas hu korrett l-appellant meta jghid fir-rikors tal-appell li: *"Fi kliem semplici irid ikun hemm aktar minn prova*

[41] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8 ta' Mejju 2014.

*cirkostanzjali wahda."* Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Domenico Savio Micallef** (App. Nru. 409/2017) deciz fis-26 ta' Novembru 2019 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja il-Qorti tenniet:

"14. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex

Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat." (Pagna 21-22)

Fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Xuereb** (Att ta' Akkuza 2/2009) deciza fil-31 ta' Ottubru 2018 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi flimkien mal-Onorevoli Imhallfef Joseph Zammit Mckeon u l-Onorevoli Imhallef Edwima Grima gew abbraccjati s-segwenti principji:

**"81.** Illi kif gie ritenut:

**"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."**

**82**. Dan ukoll ghaliex apparti dawn il-verzjonijiet konfliggenti l-gurati kellhom provi ohra indizzjarji u cirkostanzjali li setghu jindikaw illi verzjoni wahda kienet iktar verosimili minn ohra.

**83**. Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita`:

**"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. ." (pg. 44-45)**

Il-Qorti allura fin-nuqqas ta' prova jew provi diretti trid tanalizza l-atti processwali u fl-assjem taghhhom tara jekk il-provi cirkostanzjali jistghux iwasslu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li aggredixxa lill-vittma.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li l-affarijiet graw bil-mod segwenti minn dak li jirrizulta mill-atti processwali:

1. Il-imputat kien qed jixrob ma' shabu fil-kazin;

2. Il-vittma dahal xi hin wara u kien jaf lil xi hadd minn tal-klikka tal-imputat f'xi okkazzjoni precedenti li jidher li ma kinitx pjacevoli u basar li kien ser jinqala' xi inkwiet, pero' baqa' hemm;
3. Il-vittma beda jixrob fil-kazin u l-barman qallu biex ma jaqlax inkwiet;
4. Il-vittma kien maghruf li jhobb jaqla' l-inkwiet u dan stqarru l-barman li kien jafu u iddikjarah ukoll quddiem din il-Qorti;
5. Il-vittma u l-imputat bdew jitlewmu pero' l-affarijiet ikkalmaw u bdew jixorbu flimkien;
6. Jidher li kemm il-vittma kif ukoll l-imputat kienu taht l-influenza tal-alkohol;
7. Il-vittma u l-imputat regghu bdew jitlewmu u intervenew terzi;
8. Il-barman u xi nies ohra tefghu lill-imputat barra;
9. Il-barman u xi nies ohra ippruvaw jikkonvincu lill-vittma biex jibqa' gewwa pero' dan webbes rasu u ftit sekondi wara hareg wara l-imputat;
10. Il-pulizija ircevew l-informazzjoni li kien hemm persuna qalghet daqqiet ta' sikkina u tinsab mal-art u irrikorrew fuq il-post;
11. L-imputat ma kienx fuq il-post u gie identifikat mill-filmati tas-sigurta' mill-pulizija ghax kien maghruf maghhom;
12. L-vittma ma tikkoperax mal-pulizija ftit wara l-incident. Tittiehed l-isptar u giet iccertifikata li qed issofri minn griehi gravi;
13. L-imputat jigi arrestat u jaghzel, kif kellu dritt li jaghmel, li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet tal-pulizija.
14. Il-vittma tat stqarrija lill-pulizija u jghid li hu mar ghall-aggressur u jahseb li hu tah l-ewwel daqqa.[42] Jghid li lill-aggressur ma jafux.

**Ikkunsidrat:**

[42] Folio 30 tal-process.

Il-Qorti tinnota li l-imputat ghadda mill-bieb fit-22 ta' Awwissu 2021 20.35.**39**.[43] Il-vittma jghaddi mill-istess bieb 20.35.**48** jigifieri ghal kuntrarju ta' dak li jghid Joseph Camilleri u it-tlett tfajliet li kienu ukoll gol-bar immedjatament warajh! Il-bieb tal-kazin jinghalaq 20.35.**54** jigifieri meta l-imputat u l-vittma kienu t-tnejn barra u ma hemm hadd li ra kif l-vittma giet midruba.

Il-Qorti hija konvinta li qabel ma hargu 'l barra mill-kazin l-imputat u l-vittma kienu ghal xi hin qed jitlewmu u t-tnejn kienu taht l-influenza tal-alkohol ghax kienu qed jixorbu. Il-Qorti ma ghandix ghalfejn lanqas tiddubita minn dak li qal Joseph Camilleri li l-vittma Manfre' kien maghruf li jaqla' l-inkwiet ghax minn kif gie stabilit li gab ruhu fil-kazin dan huwa ikkonfermat. Persuna li tissuspetta li ser jinqala' l-inkwiet twarrab minn fuq il-post u mhux tibqa' hemm; ladarba Manfre' kien jaf li fil-passat hu kellu xi jghid ma' xi persuna jew persuni li kienu fil-kazin u li milli jidher kulhadd kien xi ftit jew wisq taht l-influenza tax-xorb, kien jaghmel ghall-ahjar kieku warrab minn hemm. Ir-ritratti ezebiti a Folio 163b,164, 164b, 165, 167 juru bic-car li qabel ma l-vittma u l-aggressur hargu mill-kazin kien hemm argument jahraq tant li kellhom jintervjenu terzi.[44]

Ma jidhirx li l-vittma kellu xi jghid ma xi hadd iehor gol-kazin u l-argument kien biss mal-imputat. Bejn it-tilwima gol-kazin u meta t-tnejn li huma hargu mill-kazin ghaddew ftit sekondi u jidher car f'mohh din il-Qorti li meta Manfre' b'nuqqas ta' ghaqal kbir mar biex jiehu s-sodisfazzjoni minn Portelli kien dan tal-ahhar li irreagixxa b'mod vjolenti u hadd aktar. Ma hemm xejn fl-atti li l-imputat b'xi mod jipprova jiskolpa ruhu minn dak addebitat lilu u dan lanqas fuq bazi ta' probabilita'. Ghalkemm wiehed ghandu wkoll izomm f'mohhu l-principju li l-imputat

[43] Folio 162 tal-process

[44] Hinijiet juru: 20.33.59, 20.33.21, 20.35.24, 20.29.51, 20.34.12,20.35.26, 20.35.43.

m'ghandu ghalfejn jipprova xejn u hija l-Prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-kaz taghha. Is-sekwenza tal-fatti kif graw u kif inhuma riflessi fl-atti processwali iwasslu biss ghall-konkluzjoni wahda u cioe li Portelli kien dak li aggredixxa lil Manfre' u ikkawzalu griehi ta' natura gravi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-akkuza fl-ewwel paragrafu migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta u giet sodisfacentament pruvata mill-Prosekuzzjoni.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi sabiex tezamina jekk l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizultawx.

Ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi numru tnejn (2) u tlieta (3) ma jirrizultax mill-atti li l-imputat fera lill-vittma b'*xi arma regolari u cioe' strument li jaqta' u bil-ponta jew imitazzjoni ta' arma regolari*. Ma giex pruvat li per ezempju l-vittma gie aggredit permezz ta' sikkina jew xi tip ta' tornavit. Li gie stabilit biss kien li xi hadd weggghu b'xi haga bil-ponta. Ma ngabet l-ebda prova in atti dwar x'arma jew imitazzjoni ta' arma li l-imputat uza biex ikkawza tali griehi, lanqas giet esebita in atti tali arma jew imitazzjoni ta' arma li setghet intuzat mill-imputat.

**Il-Qorti konsegwentament tqis li l-akkuzi fit-tieni u fit-tielet paragrafu ma gewx sufficjentament pruvati.**

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa ta' natura kontravenzjonali.

**L-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 jipprovdi:**

339.(l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min -

(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lee Borg**[45]:

"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.[46]

Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid" issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Frendo**[47], fejn il-Qorti interpretat il-kelma theddida bhala biza t'aggressjoni futura: B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Frendo, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd

---

[45] Per Onorevoli Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Gunju, 2016

[46] Emfasi ta' din il-Qorti.

[47] Per Onorevoli Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008.

huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. …..

F'sentenza ohra **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**[48] gie deciz:

"Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo' it-theddid ifisser li agent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodici, e.ż. l-artikolu 249 liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent.'

F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk: 'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr. W. Harding 'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.' 25 ta' Gunju 1952.)

62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949). Minn naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li gej dwar il-minaccja: 'e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di

[48] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Lawrence Quintano. Deciza 30 ta' Settembru, 2009; Numru 1181/2006.

che cosa sono capace..' Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre).

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet: "Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".

Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit ex admissis tghid li hi ma bezetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel. Illi fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.[49]

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) u 338(dd) il-Qorti tghid li ghandha d-dubbji taghha kemm dawn jirrizultaw. Il-fatt li wiehed jaghti daqqa ta' xi haga u jferi lil xi hadd ma jfissirx fih innifsu li kien hemm ksur tal-paci u l-ordni pubbliku.  Lanqas jidher li kien

[49] Pagna 5 sa 7 tas-sentenza.

hemm xi ingurja jew theddid. Il-fatt li kien hemm l-aggressjoni ma jfissirx li qabel il-vittma gie b'xi mod ingurjat jew mhedded.

Mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova li tista' issostni tali akkuzi. Il-vittma ma xehedx u konsegwentament ma hemmx dubju li l-akkuza tal-ingurja u theddid ma tistax tirrizulta.

In oltre ma ngab l-ebda xhud dwar il-ksur tal-bon ordni u paci pubbliku. Ghalkemm xehed Joseph Camilleri huwa la gie mistoqsi jekk kienx hemm xi ghajat u storbju x'hin tlewmu l-aggressur u l-vittma fil-kazin u lanqas ma gie mistoqsi jekk f'xi hin x'hin inqala' dan l-incident dan tax lok ghall-ksur tal-paci pubbliku. In oltre, minkejja li din il-Qorti m'ghandix dubbju li fil-hin li inqala' l-incident kien hemm persuni ohra prezenti fil-kazin jew barra fit-triq, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud f'dan ir-rigward.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-akkuzi fir-raba u fil-hames paragrafu ma gewx pruvati.**

**Ikkunsidrat:**

Ghall-fini ta' piena l-Qorti ghamlet ukoll is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda nadifa pero' mhix allarmanti;
2. Il-vittma ikkontribwixxa mhux ftit ghall-aggressjoni ghax seta' baqa' gol-kazin u mhux mar ifittex lill-imputat li diga' kellu argument mieghu;
3. Ma jirrizultax li l-vittma kellha xi konsegwenzi serji wara l-incident;
4. Kemm l-imputat kif ukoll il-vittma kienu taht l-influwenza tax-xorb;

5. In-natura serja ta' l-akkuza li qed jinstab hati ghaliha l-imputat, li iggorr maghha piena ta' prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin.[50]

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 339(1)(e), 338(dd), 383, 384, 385, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 6, 51(9),55(a), 56, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **CRANSTON PORTELLI HATI tal-ewwel akkuza**, filwaqt illi issib lill-imputat **CRANSTON PORTELLI MHUX HATI tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom** u fir-rigward tal-ewwel akkuza qed tikkundanna lill-imputat Cranston Portelli ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Inoltre il-Qorti qed tohrog Ordni ta' Trazzin favur il-vittma James Manfre' ghal zmien sentejn mil-lum ai termini tal-Artikoli 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre l-Qorti tikkundanna lill-hati u tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati Kriminali l-ispejjez tal-hatra tal-esperti kollha mahtura f'dawn il-proceduri li jammontaw ghal sitt'elef u seba' mija u hamsa u tletin Ewro u tlett centezmi (€6,735.03c) u dan fi zmien tlett (3) xhur mil-lum ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[51].

---

[50] Artikolu 217 tal-Kap 9.

[51] Espert Dr. Katya Vassallo Ewro 525.69c (fuq wara ta' folio 14 tal-process verbal) u Sur Ciliberti Ewro 820.22c (fuq wara ta' folio 45 wara tal-process verbal), Bio DNA Ewro 4,623.24c folio 68 tal-process verbal, SOCO folio 88 tal-process verbal Ewro 397.48c, Dr. Mario Scerri Ewro 368.40c a folio 155 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess, inkluz l-obbligi tieghu taht l-Ordni ta' Trazzin mahruga favur il-vittma u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-agenzija tas-servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 23 ta' Lulju, 2025, fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Anna Lise Mifsud
Deputat Registratur.